**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 51/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Reuben Muscat**
**David Sullivan**
**u**
***Omissis***

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellati **Reuben Muscat**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 173476(M) u **David Sullivan**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 198649(M) u *Omissis* akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. L-imputazzjoni ġiet notifikata lill-appellati bil-lingwa Ingliża u ċioè talli:

*"Where several acts committed by you, even if at different times, constitute violations of the same provision/s of the law, and are committed in pursuance of the same design:*

*In your capacity as Director/s and/or judicial representative/s and/or company secretaries and/or manager/s or other similar officer/s of the company United Game Tech plc (C 72557) having its registered address Level 4, The Penthouse, Suite 10, Ewropa Business Centre, Truq Dun Karm, Birkirkara, Malta, and/or being the persons responsible and appointed by the said company to pay wages as well as the company United Game Tech plc (C 72557) itself as a body corporate according to law:*

1. *You have failed to pay the Basic Wage due for the period commencing the 15th. May of the year 2016 and ending 31st. May of the year 2016 amounting to €6,000, you have to also failed to pay the Basic Wage for the period commencing the 1st. June 2016 and ending the 30th. June 2016 amounting to €12,000; you have also failed to pay the Basic Wage for the period commencing on the 1st. of July 2016 and ending on the 31st. July 2016 amounting to €12,000; you have also failed to pay the Basic Wage for the period commencing the 1st. of August 2016 and ending the 31st. August 2016 amounting to €12,000; you have also failed to pay the Basic Wage for the period commencing the 1st. of September 2016 and ending the 30th. September 2016 amounting to €12,000; you have also failed to pay the Basic Wage for the period commencing on the 1st. of October 2016 and ending the 31st. October 2016 amounting to €12,000; you have also failed to pay the Basic Wage for the period commencing the 1st. of November 2016 and ending the 31st. November 2016 amounting to €12,000; you have also failed to pay the Basic Wage for the period commencing on the 1st. of December 2016 and ending the 31st. December 2016 amounting to €12,000; you have also failed to pay the Basic Wage for the period commencing on the 1st. of January 2017 and ending the 31st. January, 2017 amounting to €12,000; you have also failed to pay the Basic Wage for the period commencing the 1st. of February 2017 and ending the 28th. February, 2017 amounting to €12,000; you have also failed to pay the Basic Wage for the period commencing on the 1st. of March 2017 and ending the 31st. March, 2017*

*amounting to €12,000; you have also failed to pay the Basic Wage for the period commencing on the 1st. of April 2017 and ending the 30th. April, 2017 amounting to €12,000; you have also failed to pay the Basic Wage for the period commencing the 1st. May, 2017 and ending the 31st. May, 2017 amounting to €12,000; you have also failed to pay the Basic Wage for the period commencing on the 1st. of June 2017 and ending the 30th. June, 2017 amounting to €12,000; you have also failed to pay the Basic Wage for the period commencing on the 1st. July 2017 and ending the 31st. July, 2017 amounting to €12,000; you have also failed to pay the Basic Wage for the period commencing on the 1st. August 2017 and ending the 31st. August 2017 amounting to €12,000; you have also failed to pay the Basic Wage for the period commencing on the 1st. of September 2017 and ending the 30th. September, 2017 amounting to €12,000; you have also failed to pay the Basic Wage for the period commencing on the 1st. of October 2017 and ending the 31st. October, 2017 amounting to €12,000; from which the sums of €7,500 and €5,000 were paid on the 19th. August 2016 and the 15th. May, 2017 respectively which globally amounts to the sum of one hundred ninety-seven thousand and five hundred euro (€197,500), including tax and national insurance owed to your employee Lukas Weinlander (Austrian Passport: U17440510).*

*The Court is respectfully being asked, in accordance with Article 18 of Chapter 9 of the Laws of Malta precisely, where the several acts committed by the offender, even if at different times, constitute violations of the same provision of the law, and are committed in pursuance of the same design such acts shall be deemed to be a single offence, called a continuous offence; in accordance with Article 45(1) of Chapter 452 of the Laws of Malta, to order the accused to pay the penalties established by law of not less than two hundred and thirty-two Euro and ninety-four cents (€232.94) and not exceeding two thousand and three hundred and twenty-nine Euro and thirty-seven cents (€2,329.37); and in accordance with Article 45(2) of Chapter 452 of the Laws of Malta, having failed to pay wages, having made any illegal deduction, having failed to make payment of any bonus, having with held any remuneration or any payment in lieu of notice, having failed to allow paid holidays, having failed to effect payment of any moneys due to an employee under Chapter 452 of the Laws of Malta or under any national standard order or*

*sectoral regulation order or any other order made under Chapter 452, and according to Regulation 22 of Legal Notice 247 of 2003 as amended by Legal Notices 427 of 2007 and 259 of 2012 to pay a minimum fine of four hundred and sixty-five Euro and eighty-seven cents (€465.87); and to order the accused to pay Lukas Weinlander (Austrian Passport: U17440510) the sum of one hundred ninety-seven thousand and five hundred Euro (€197,500) for the reasons specified above."*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Jannar 2019 fejn l-Ewwel Qorti ddikjarat il-proċediment estint *ai termini* ta' Artikolu 47 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta stante *"illi jirriżulta li l-imputati baqgħu ma ġewx notifikati bl-akkuża bl-ilsien Malti, l-ilsien ta' dawn il-proċedimenti, sat-tmiem tat-terminu preskrittiv."*

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fl-20 ta' Frar 2019 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fit-totalita' tagħha u terġa' tpoġġi lill-imputati qua appellati fil-pożizzjoni li kienu fiha qabel mal-proċedimenti ġew dikjarati preskritti u b'dan li jibdew jinstemgħu il-provi kollha produċibbli sabiex eventwalment jkun hemm sentenza effettiva."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellati eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hu appell tal-Avukat Ġenerali wara li l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tad-difiża u ddikjarat il-proċediment estint *ai termini* ta' Artikolu 47 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jidher li l-appellati Muscat u Sullivan kienu l-inkarigati tas-soċjeta' United Game Tech plc (C 72557) b'indirizz reġistrat Level 4, The Penthouse, Suite 10, Ewropa Business Centre, Triq Dun Karm, Birkirkara sabiex iħallsu l-pagi dovuti. L-Avukat Ġenerali għandu s-setgħa li jappella skont Artikolu 47A tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta u fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-Avukat Ġenerali jitlob li tiġi mħassra u revokata s-sentenza appellata u sabiex l-appellati jitpoġġew fil-pożizzjoni li kienu fiha qabel ma l-proċediment ġie dikjarat preskritt u b'hekk imbagħad jinstemgħu l-provi li għandhom jinstemgħu.

Illi l-aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa li l-Ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni, interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-liġi u għalhekk ma setgħetx tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Jisħaq li ċ-ċitazzjoni hija *'avviso a comparire'* u ċioè ordni biex l-appellati jidhru quddiem il-Qorti u biex ikunu jafu fuq xiex qegħdin jiġu akkużati. L-appellant jisħaq li ċ-ċitazzjoni m'hemmx għalfejn issir skont xi formola sagramentali bil-preċiżjoni kollha u jagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi, fost l-oħrajn dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Marzu 1954 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Frank Borg** u kif ukoll dik mogħtija fit-23 ta' Diċembru 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Glenn Debattista**. L-appellant jisħaq li jekk l-appellati kellhom xi diffikulta' biċ-ċitazzjoni huma setgħu iqajmu din id-diffikulta' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- Oriġinarjament l-imputati fil-kawża quddiem l-Ewwel Qorti kienu tlieta b'dan illi fis-seduta tal-4 ta' Diċembru 2018 l-

Ewwel Qorti ddikjarat li l-kawża fil-konfront ta' wieħed minnhom kienet preskritta. B'hekk il-kawża kompliet tinstema' fil-konfront taż-żewġ imputati l-oħra, ċioè ż-żewġ appellati.

- Iċ-ċitazzjoni kienet redatta bil-lingwa Ingliża u b'dik li tidher hija l-lingwa Ġermaniża.

- Fis-seduta tal-4 ta' Diċembru 2018 quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellati talbu li jiġu notifikati bl-imputazzjoni bil-lingwa Maltija u l-Qorti laqgħet it-talba b'dan illi l-appellati kellhom jiġu notifikati bil-lingwa Maltija u l-Qorti ħalliet il-kawża biex tinstema' fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2019.

- Fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2019, id-difiża ssollevat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u l-Qorti laqgħet tali eċċezzjoni u ddikjarat li l-azzjoni kriminali kienet waħda preskritta fil-konfront taż-żewġ appellati.

**Ikkunsidrat**

Illi filwaqt li Artikolu 693 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jirrigwarda l-ksur taż-żmien tal-preskrizzjoni, Artikolu 687(2) tal-istess Kapitolu jiddisponi li ż-żmien tal-preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li l-imputazzjoni u, jew att ta' akkuża, jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iż-żmien meta tingħata s-sentenza.

Illi fis-sentenza mogħtija fis-26 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Gaetan Gatt** (Numru 538/2015), din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi kif ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza ċ-ċitazzjoni maħruġa fil-konfront tal-persuna akkużata għandha l-funzjoni ta' avviż għad-dehra ta' dik il-persuna imsejħa biex twieġeb għal xi fatt inkriminati. Illi meta allura l-appellanti laqa' dik in-notifika u wiegeb għas-sejħa lilu magħmula, il-funzjoni tal-*avviso da comparire* ġie

> eżawriet anke fil-każijiet fejn tali avviż ma ikunx għal kollox korrett fid-dettalji imfissra fih. Ġaladarba l-imputat ikun wieġeb għas-sejħa ta' dik iċ-ċitazzjoni, kif ingħad il-funzjoni prinċipali ta' l-istess ċitazzjoni tkun intlaħqet. Fil-kaz ta' **Il-Pulizija v. Benny Zaffarese u Anna Zaffarese** (13/01/1995) ingħad in partikolari hekk:
>
> "Anke li kieku dawn id-dettalji jew xi whud minnhom kienu żbaljati, waħda mill-funzjonijiet primarji taċ-ċitazzjoni, u ċioè li sservi ta' '*avviso a comparire*', twettqet u ġiet eżawrita meta l-appellant, allura imputat, deher quddiem l-ewwel qorti…. ." […]
>
> Issa bil-fatt illi l-appellanti deher il-Qorti saħansitra fl-ewwel jum iffissat għas-smigħ tal-każ u reġa deher għat-tieni seduta xahrejn wara mingħajr qatt ma lmenta mill-fatt illi huwa kien injar ta' l-akkuża li kien qiegħed jiffaċċja, ifisser illi huwa kien qed jaċċetta n-notifika tiegħu bħala waħda regolari u li allura kien ben konsapevoli tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u hejja d-difiża għaliha. Għaldaqstant dan l-aggravvju qed jiġi riġettat."

Illi fir-rigward tal-kawża odjerna m'hemmx dubju li ċ-ċitazzjoni serviet l-iskop li l-appellati jidhru quddiem l-Ewwel Qorti għas-seduta tal-4 ta' Diċembru 2018. Minkejja dan, il-fatti proċedurali fil-kawża odjerna kienu kemmxejn differenti minn dak tal-każ hawn fuq ikkwotat. Huwa minnu li ż-żewġ appellati dehru quddiem l-Ewwel Qorti fl-4 ta' Diċembru 2018 pero' jirriżulta li f'dik l-istess seduta huma talbu li jiġu notifikati bil-lingwa tal-proċeduri u ċioè bil-lingwa Maltija b'dan illi ma kien hemm l-ebda dikjarazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti li l-proċeduri kellhom jitmexxew bil-lingwa Ingliża u l-Ewwel Qorti ordnat li l-appellati jiġu notifikati bl-imputazzjoni bil-lingwa Maltija. Kien fis-seduta ta' wara meta l-appellati eċċepew il-preskrizzjoni tenut kont tal-fatt li kienu baqgħu ma ġewx notifikati bl-imputazzjoni bl-ilsien Malti li l-eċċezzjoni tagħhom ġiet milqugħa.

Illi fis-sentenza mogħtija fis-26 ta' Jannar 2017 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Xerri** (Numru 339/2014), din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:
>
> "Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuża, <u>bil-partikularitajiet ta' żmien</u> u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw…...".
>
> […]
>
> Illi dan l-istess prinċipju ġie riaffermat minn din l-istess Qorti f'diversi kawżi oħra inkluż dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Warren Piscopo** u **Pulizija vs. Rita Theuma**, it-tnejn deċiżi fid-19 ta' Ottubru 2011[1]. Dan għaliex il-Qorti qatt ma tista issib ħtija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun seħħ fi żmien ieħor u mhux dak indikat fl-akkuża, ċirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-każ imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan għaliex l-Artikolu 360 stess ifisser kif għandha tiġi redatta iċ-ċitazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet meħtieġa sabiex il-persuna imħarrka tkun tista tħejji id-difiża tagħha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lilha f'dik iċ-ċitazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu ġew indikati ħażin, allura il-binarji ta' lazzjoni ma ikunux ġew definiti jew ikunu ġew definiti ħażin." [emfażi miżjuda]

Illi Artikolu 516(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li l-proċeduri għandhom isiru bil-Malti.

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza mogħtija fl-10 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Andriy Petrovych Pashkov** (Numru 203/2009), din il-Qorti diversament preseduta għamlet riferenza

[1] Ara ukoll **Il-Pulizija vs. Ramon Mifsud Grech et** – 23/04/2012 (Qorti tal-Maġistrati).

għal sentenza mogħtija mill-istess Qorti fl-10 ta' Diċembru 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Elizabeth sive Alice Piscopo** u li d-difensuri tal-appellant f'dak il-każ għamlu riferenza għaliha u qalet hekk:

> "Din is-sentenza stabbiliet biss li meta l-proċeduri quddiem il-Qorti Inferjuri jkunu ġew kondotti mil-Malti u s-sentenza wkoll ingħatat bil-Malti, in-Nota tal-Pulizija, ippreżentata għall-finijiet tal-Artikolu 414(1) tal-Kap. 9, u li kienet ġiet redatta bl-Ingliż kellha titqies bħala non-eżistenti."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha meta qalet li bl-istess raġunament t'hawn fuq isegwi li f'dan il-każ ċ-ċitazzjoni bl-Ingliż għandha titqies li hija "non-eżistenti."

Illi meħud in konsiderazzjoni tal-fatt li skont Artikolu 47 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali) proċedimenti għal reat skont il-Kapitolu msemmi jistgħu jinbdew f'kull żmien fi żmien sena mill-għemil tar-reat u meħud in konsiderazzjoni li l-aħħar vjolazzjoni tal-appellati allegatament seħħet fil-31 ta' Ottubru 2017, l-azzjoni kriminali fil-konfront tagħhom ġiet preskritta fil-31 ta' Ottubru 2018.

Illi ġialadarba l-appellati Muscat u Sullivan baqgħu ma ġewx notifikati bl-imputazzjoni bl-ilsien Malti, ċioè l-ilsien ta' dawn il-proċedimenti, sat-tmien it-terminu preskrittiv, b'hekk sewwa għamlet l-Ewwel Qorti li laqgħet l-eċċezzjoni tad-difiża u ddikjarat il-proċediment estint.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell mressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**